SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

## Laqgħa Nru. 18/K8/16

Data: 21 ta' Lulju 2016

Hin: 4.00p.m.

Post: L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan

---

Preżenti: Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
Adrain Domenic Ellul - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Edgar Montanaro - Kunsillier
Rita Dimech Portelli - Kunsilliera
Paul Spiteri - Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana
L-Ambaxxatur taż-żgħażagħ is-Sur Brian Azzopardi.

Skużati: (2) - Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier John Agius (Inc. 4496/2016) u s-Sur Clayton Tanti Gregoraci (Inc. 4568/2016) sabiex jiġu skużati għal-laqgħa ta' Lulju 2016. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jiġu skużati.

Assenti: (0)

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

2. Punti mqajma mill-Minuti;

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

3. Komunikazzjoni mis-Sindku;

4. Korrispondenza;

5. Diskussjoni dwar il-Ġbir ta' l-iskart.

6. Affarijiet oħra meqjusa urġenti;

7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;

8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;

9. Aġġornament.

**Minuti –*18/K8/16***

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 17/K8/16 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Martin Sultana ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Punti mqajjma mill-Minuti**

2.01 Fir-rigward id-*directional sign* li hemm fi Triq San Ġorġ faċċata tad-Dick's Bar, din intbagħtet ittra lit-Transport Malta izda s'issa l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta.

2.02 Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg ġibet l-attenzjoni fir-rigward l-iżvillup ta' tad-Dar ta' l-Anzjani. Ġie deċiż li tinbagħat ittra lill-Onor. Deborah Schembri u l-Onor. Justyne Caruana fir-rigward din il-materja u x'inhi l-pożżizjoni tagħhom minħabba li s'sissa l-Kunsill għandu ma rċieva l-ebda *feedback*.

2.03 Il-Kunsill ta l-awguri tiegħu lis-Sur Brian Azzopardi l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fir-rigward ir-riżultati tajbin sabiex jidħol l-Universita'.

2.04 Saret riferenza fir-rigward ix-xogħolijiet ta' Wesghet Agostino Savelli, il-Kunsillier Martin John Sultana ġibed l-attenzjoni li għalkemm it-

triq saret sew sa' llum għad m'hemmx tabelli u sinjali tat-triq. Għandhom ukoll jerġgħu jeħlu t-tabelli tal-*one way* in-naħa ta'fuq minħabba li qeda ta' periklu.

2.05 Il-Viċi Sindku qajjem l-punt fir-rigward il-korrispondenza li għaddejja mal-KNPD fir-rigward il-problema li qed ikollhom ċertu residenti minħabba li ma jsibux parkeġġ fuq ir-reserved tagħhom. Huwa informa lill-Kunsill ukoll li għandha tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq il-Mensija vicin tas-Sinjura Elizabeth Farrugia sabiex ma jitpoġġiex skart quddiem ir-residenza tagħha sabiex ikun jista' jkollha aktar aċċess biex tidħol id-dar tagħha.

2.06 Inġibdet l-attenzjoni sabiex titnaddaf il-parti ta' Bertha K. Ilg. Din ser issir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

2.07 Iċ-Ċermen informa li l-Kunsill reġa rċieva ittra fir-rigward it-Tipiċita'.

2.08 L-attivita' li kellha issir fir-rigward it-tindif ta' qiegħ il-baħar ġiet posposta minħabba li dik il-ġurnata it-temp ma ppermettix.

2.09 Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 2016 ser issir laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill u l-Perit Stephen Farrugia.

## 3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.01 Is-Segretarju ta spjegazzjoni fir-rigward il-laqgħa li saret ma' Dr. Stefan Bountempo flimkien mal-Kumitat Amministrattiv, fejn tkellmu dwar l-*issues* dwar il-problemi tat-traffiku. Il-Kumitat Amministrattiv ġie nfurmat li għandu jitlob fondi lill-Kunsill jew lir-Reġjun fir-rigward *traffic management* ġewwa Paceville.

3.04 Il-Kunsillier Martin John Sultana ġie skużat fil-5.00p.m.

3.05 Għandha tintbagħat ittra lis-Sur Silvio Scerri, fejn il-Kunsill jitlob risposta fi żmien possibli fir-rigward l-issues li hemm pendenti fosthom is-sistema tal-one way fi Triq Dragunara.

3.06 Il-Kunsill ġie nfurmat fir-rigward il-*bicycle stands* li kellhom jsiru, f'dan l-istadju l-kuntrattur għandu japplika mal-Dipartiment tal-Artijiet minħabba li l-permessi neċessarji jaqgħu taħt ir-responsabilta' tagħhom, filwaqt li min-naħa tal-Kunsill, il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni mal-proposta tiegħu dment li għandu l-permessi kollha meħtiega kif ukoll prova ta' *insurance.*

3.07 **AME** – Il-Kunsill ġie nfurmat li din hija health and safety fir-rigward kull meta jinħareġ permess għall-*Tower Cranes* u *Scaffoldings* ġewwa l-lokalita', kull Kunsill intalab li li kull meta joħroġ permess ta' *Tower*

*Crane*s jew *Scaffolding* fil-lokalita' jinforma lir-Reġjun u lis-Sur Mario Camilleri l-persuna responsabbli mill-AME sabiex min-naħa tagħhom issir l-ispezzjoni.

3.08 Fir-rigward il-Festa ta' San Ġiljan, il-Kunsill ħareġ avviż sabiex jinbidlu l-postijiet fejn jintrammaw kiosks/stands waqt il-festa sussegwentament il-Kunsill iddentifika ż-żoni fejn ser jitpoġġew fid-Daħla tat-Tigulio.

3.09 Ġie deċiż li fil-laqgħa li jmiss fl-aġenda tiġi diskussa l-karozzi abbandunati li hawn fil-lokalita'.

3.10 Il-Kunsill ġie nfurmat li ċ-Ċermen flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-kuntrattur tal-*Public Conveniences* dwar xi nuqqasijiet li kien hemm u ttieħdet azzjoni fejn sar xi xogħol ta' manutenzjoni. .

3.11 Terġa tinbagħat ittra lis-Sur Ramon Deguara tal-Cleansing Service Directorate fir-rigward il-bins u t-tindif madwar il-*promanade* minħabba li waslet il-festa.

3.12 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li jkien hemm pjanat laqgħa ma' min jieħu ħsieb il-moniteraġġ tac-CCTV's li hemm fi Triq Ross u Xatt is-Sajjieda sabiex nassiguraw li tkun aktar ċara li jkun permess waqfien ta' massimu ta' ħames minuti.

3.13 Il-Kunsill ġie nfurmat li fir-rigward il-cameras ta' madwar il-bring in sites, il-kaxxex twaħħlu u hemm il-connections, filwaqt li nhar it-Tnejn ser jeħlu l-cameras u ser jeħlu wkoll t-tabelli li juru li hemm il-cameras.

3.14 Il-Kunsill ġie nfurmat li fl-aħħar ta' Awwissu ser jagħlqu t-*tenders* ta' Street Cleaning u Bulky Refuse u għalhekk minħabba li bħalissa hemm sejħa għall-offerti dawn iż-żewġ kuntratti ser jiġu estiżi b' xahar ieħor jiġifieri sa' l-aħħar ta' Settembru.

## 4 Korrispondenza

4.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. 4350**

4.02 Saret riferenza għall-email dwar konferenza tal-ECAD. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jmorru żewġ persuni għall-konferenza iżda qabel il-Kunsill jiċċekja l-ispejjeż involuti. Il-

Kunsill qabel ukoll li ż-żewġ persuni li jitilgħu għal din il-konferenza jkunu l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul u l-Kunsillier Clayton Luke Mula.

***Rif Nru. 4423***

4.03 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Brian Cardona dwar reċiklaġġ ta‘ ħwejjeġ. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li dawn jitpoġġew mal-bring in sites li hawn fil-lokalita‘ jiġifieri fid-Daħla tat-Tigulio, Triq Dun Ġużepp Xerri, il-Balluta u Triq Wilġa.

***Rif. Nru. 4428***

4.04 Saret riferenza għall-email mingħand t-Transport Malta dwar *Mapping Plan for New EV Charging Infrastructure*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kusill jissuġġerixxi żewġ postijiet li huma wieħed fil-Balluta fejn il-Bring in sites, filwaqt li l-ieħor fix-Xatt ta‘ San Ġorġ.

***Rif. Nru. 4478***

4.05 Il-Kunsill ġie nfurmat bil-korrispondenza mal-*Lands Department* dwar żewġ propjetajiet f‘San Ġiljan. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tinġieb stima mingħand il-perit sabiex jiġi rranġat it-taraġ li jagħti għal Baystreet.

***Rif Nru. 4388***

4.06 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar il-*Bye Law* ta’ sewqan ta’ roti u vetturi mekkanizzati fuq bankini f’San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill m’għadux interessat fuq din il-*bye-law.*

**5. Diskussjoni dwar il-Ġbir ta‘ l-Iskart.**

5.01 Issir laqgħa mal-Ministru tat-Turiżmu Dr. Edward Zammit Lewis mill-aktar fis possibli sabiex tiġi diskussa din il-materja.

**6. Affarijiet oħra meqjusa urġenti;**

6.01 Ma kienx hemm affarijiet oħra meqjusa bħala urġenti.

**7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi ‘ A’).

8.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

8.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondaha.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4009 sa' Nru. 4025. (Ara Appendiċi 'B')

9.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 4009 sa' Nru. 4025.

**10. Aġġornament**

10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 18 ta' Awwissu 2016 fl-4.00p.m.

9.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

Data: **18 ta' Awwissu 2016**